MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF
TONIO MALLIA**

Seduta tad-9 ta' Marzu, 2007

Appell Civili Numru. 1179/1997/1

**Carmelo Sciberras**

**v.**

**Gilbert Caruana**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

B’citazzjoni ppresentata quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-23 ta’ Mejju 1997, l-attur ippremetta illi fit-22 ta’ Lulju 1993, waqt li huwa kien pedestrian fit-Triq Dicembru Tlettax, Blata l-Bajda, gie milqut mill-vettura F-7518

misjuqa mill-konvenut u bhala konsegwenza sofra danni konsiderevoli kemm fisici kif ukoll ekonomici stante li sar permanentement dizabilitat; illi ghal dan l-incident jahti l-konvenut minhabba sewqan perikoluz meta laqghat lill-istanti waqt sewqan zregolat; illi nonostante tentattivi sabiex soluzzjoni tinstab barra din is-sede dawn spiccaw fix-xejn u ghaldaqstant kellha ssir din il-kawza; dan premess l-attur talab li dik il-Qorti:-

1. tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghall-incident u konsegwenzjali danni sofferti minnu;
2. tillikwida d-danni okkorrendo bl-opera ta’ periti nominandi;
3. tikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma hekk likwidata u dikjarata bhala dovuta.

Bl-ispejjez u bl-imghax skond il-ligi kontra l-konvenut li hu minn issa ingunt ghas-subizzjoni u inkluzi wkoll l-ispejjez ta’ l-ittra ufficjali minghut illum lill-insurance tal-konvenut.

B’notaipprezentata fil-15 ta’ Lulju, 1997 il-konvenut eccepixxa:-

1. Illi l-incident tat-traffiku meritu ta’ din il-kawza ma garax tort u htija tieghu izda gara unikament tort ta’ l-istess attur li qasam Triq 13 ta’ Dicembru fil-limiti ta’ Blata l-Bajda bl-aktar mod negilgenti u dana kif sejjer jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

2. Illi stante li dan l-incident ma garax tort tieghu, l-ebda ammont ma huwa dovut lill-attur bhala danni.

**Is-sentenza appellata.**

Il-Prim’Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza b’sentenza tas-17 ta’ Gunju 2004 meta cahdet it-talbiet ta’ l-attur u kkundannatu jhallas l-ispejjez gudizzjarji u dana wara li ghamlet is-segwenti osservazzjonijiet:-

“L-attur ma jiftakar xejn dwar l-incident, u ghalhekk hemm biss ix-xhieda tal-konvenut u dak li seta’ jidher fuq il-post tal-incident dwar posizzjonijiet u konfigurazzjoni tat-triq. L-incident sehh fi Triq Dicembru Tlettax, Blata l-Bajda, ftit qabel ma tasal taht il-*fly-over* int u sejjer mill-Marsa lejn il-Belt Valletta. L-attur qasam it-triq min-naha fejn hemm it-

tarag li minnu titla’ lejn il-kappella tal-*M.U.S.E.U.M.* Il-konvenut kien qieghed isuq fuq il-*lane* ta’ barra, i.e. il-*lane* li jigi qrib is-*centre strip*, mhux dak qrib il-bankina mnejn qasam l-attur.

“Minnufih wara l-incident il-konvenut xehed fl-inkjesta quddiem l-espert tat-traffiku u qal hekk:

“Dalghodu xi t-7.55 *a.m.* kont insuq *car Nissan* nru F-7518 matul 13[Th] December Avenue sejjer lejn il-Blata [l-Bajda]. Kont wahdi u kont insuq in-naha tas-*centre strip*. Traffiku quddiemi immedjat ma kellix. Max-xellug ma nafx x’kien hemm. *Speed* xi 30/35 m.f.s.
“F’daqqa wahda nara xi hadd jaqsam mill-inhawi tal-bieb tal-*M.U.S.E.U.M.* Ghalkemm infxilt ibbrejkjajt u ghalaqt ghajnejja u hgieg go wicci tal-*windscreen* u waqaft fejn muri vicin il-*flyover.* Meta ergajt zammejt il-*brake* dak ir-ragel tgerbeb u gie waqa’ fl-art ffejn hemm id-demm.[1]”

“Aktar tard dakinhar stess ghamel stqarrija minn jeddu lill-pulizija u qal hekk:

“Ghall-habta tat-7.55 *a.m.*, kif wasalt qabel il-*flyover*, fejn il-hadid li hemm hdejn il-bini tal-*M.U.S.E.U.M.*, meta f’daqqa wahda ragel li kien mal-hadid li hemm fit-tarf tal-bankina qasam jigri, u kull ma naf li lqattu bil-karozza.[2]

“Mistoqsi jekk zammx *brake*, wiegeb li ma jafx.[3]

“Fil-fatt fuq l-iskizz[4] jidher li hemm *barke marks* ta’ xi tlittax-il metru u nofs (13.5m), izda l-karozza waqfet xi tnejn u ghoxrin metru (22m) ‘l quddiem, wara li jispiccaw il-*brake marks*. Jidher ghalhekk illi, kif xehed quddiem l-espert tat-traffiku, il-konvenut zamm *brake* darbtejn: l-ewwel darba minnufih qabel ma laqat lill-attur, meta reha l-*brake*, u rega’ zamm *brake* iehor biex waqaf aktar ‘il quddiem.

1 Foll. 40 et seq.
2 Fol. 45.
3 Ibid.
4 Fol. 83.

"Quddiem il-pulizija l-konvenut stqarr ukoll illi lill-attur kien rah, qabel l-incident, "mal-hadid fuq in-naha tat-triq, ftit qabel it-tarag li jaghti ghal fuq il-*flyover*"[5].

"Meta xehed quddiem il-qorti fit-18 ta' Frar 2003, izda, il-konvenut qal illi lill-attur rah l-ewwel darba meta l-attur kien ga wasal f'nofs it-triq, qrib il-linja li taqsam iz-zewg *lanes* li jaghtu mill-Marsa ghall-Belt Valletta[6]; ma rahx niezel mill-bankina.

"Naraw issa min kien jahti ghall-incident.

"Fil-fehma tal-qorti l-attur certament jahti ghax ghazel li jaqsam triq traffikuza f'*hora maximae frequentiae* minn post li ma hux mahsub biex taqsam it-triq minnu. Fil-fatt, ghax proprju dak il-post hu perikolu ferm biex taqsam minnu, ghax it-traffiku ma hux mistenni li jsuq bilmod minn hemmhekk, hemm pont li minnu tista' taqsam bla perikolu u l-attur kien imissu qasam minn hemm.

"Barra minn hekk, fejn sehh l-incident l-attur kellu vizwali twila lejn il-Marsa, mnejn kien gej il-konvenut, u seta' jara lill-konvenut gej kieku hares, ukoll jekk il-konvenut kien qieghed igerri. Dan ifisser illi jew qasam bla ma hares jew lill-konvenut rah gej izda ghamel kalkolu hazin; l-ghaqal kien jitlob illi, qabel ma jaqsam minn triq perikoluza bhal Triq Dicembru Tlettax, jekk ma jaqsamx minn fejn kellu jaqsam, ghall-inqas l-attur kellu jara sew illi t-triq tkun zgur hielsa qabel ma jaqsam. Fil-kaz tallum bilfors li naqas milli jiehu din il-prekawzjoni elementari.

"Ghalhekk, fil-fehma tal-qorti, l-attur jahti ghal dak li gara.

"Jahti ukoll il-konvenut?

"Dwar il-konvenut, il-qorti tqis illi tassew illi kien inkonsistenti fl-istqarrija li ghamel dwar il-*brake* quddiem l-espert tat-traffiku u f'dik li ghamel lill-pulizija dakinhar tal-incident; il-qorti tifhem izda illi l-konvenut ukoll ghadda

---

[5] Fol. 45.
[6] Fol. 117

minn episodju trawmatiku u ghalhekk ma tkunx haga kbira jekk tfixxkel.

"Kien ukoll inkonsistenti fix-xhieda dwar fejn ra lill-attur l-ewwel darba qabel ma laqtu. Il-qorti aktar toqghod fuq il-verzjoni li ta dakinhar ta' l-incident, meta l-memorja kienet aktar friska, u ghalhekk temmen illi lill-attur rah qabel ma l-attur beda jaqsam it-triq. Dan ifisser illi l-konvenut kellu hin itwal biex jirrejagixxi milli kieku lill-attur rah biss meta dan kien ga wasal f'nofs it-triq.

"Ifisser ukoll, izda, illi li kieku l-konvenut kien attent bizzejjed, jew ma kienx qieghed igerri wisq, kien jista' jevita l-incident? Meta tqis it-tul tal-*brake mark* ta' qabel l-incident u zzid mieghu it-*thinking distance*, issib li l-hin li kellu l-konvenut biex jevita l-incident ma kienx wisq itwal minn kemm seta' ha hin l-attur biex jaqsam il-parti tat-triq li lahaq qasam, aktar u aktar meta tqis li min jaqsam triq bhal dik minn dak il-post x'aktarx ihaffef biex jaqsam u mhux jehodha bilmod. Relevanti wkoll il-fatt illi l-konvenut ma setax stenna li l-attur sejjer jaghzel post daqshekk perikoluz biex jaqsam.

"Il-Qorti ghalhekk ma tistax issib li l-konvenut kien b'xi mod jahti ghall-incident."

**L-appell ta' l-attur.**

L-attur hass ruhu aggravat bis-sentenza fuq imsemmija u ghalhekk b'rikors ipprezentat quddiem din il-Qorti fis-6 ta' Lulju 2004 talab li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, tigi revokata s-sentenza fuq imsemmija billi jintlaqaw it-talbiet kollha tieghu u jigu michuda l-eccezzjonijiet sollevati bl-ispejjez.

Il-konvenut ipprezenta risposta ghar-rikors ta' appell tal-attur fejn talab li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, u anke billi s-sentenza hija gusta u timmerita konferma, l-appell jigi michud bl-ispejjez kollha kontra l-attur appellant.

**L-aggravji ta' l-attur appellant.**

Minn qari tar-rikors ta’ l-appell jidher li l-attur qed jilmenta mis-sentenza appellata ghaliex, skond hu, l-ewwel Qorti ghamlet evalwazzjoni skorretta tal-provi prodotti. Infatti l-attur jenfasizza l-fatt li bejn id-diversi versjonijiet moghtija mill-konvenut hemm certi diskrepanzi li kellhom iwasslu lill-Qorti biex tikkonkludi li t-tort ghall-akkadut kien tal-konvenut stante li:

a) kien ghaddej bi speed eccessiv, u

b) naqas milli jzomm a proper look-out.

**Ikkunsidrat**

Qabel xejn din il-Qorti tosserva, u f’dan l-aspett taqbel pjenament ma’ l-osservazzjoni ta’ l-ewwel Qorti, li persuna li tkun involuta f’incident awtomobilistiku u, anzi aktar f’kazi meta tkun involuta persuna li tkorri, mhux haga ta’ barra minn hawn li s-sewwieq ma jiftakarx id-dettalji minimi ta’ dak li jkun gara. Ghalhekk naraw li hafna drabi jkun hemm varjazzjonijiet bejn dak li jinghad lill-ufficjal inkarigat mill-investigazzjoni jew l-espert imqabbad mill-Qorti u dak li jinghad, mill-istess persuna, zmien wara, fil-proceduri quddiem Qorti. Dawn id-diskrepanzi izda ma ghandhomx ifixklu lill-gudikant li ghandu jhares lejn l-qalba tal-kwistjoni u mhux joqghod jara jekk verzjoni ghandhiex tigi skartata jew le minhabba xi differenzi fid-dettall tal-fatti tal-kaz kif rakkuntati wara l-akkadut.

Issa huwa minnu li fl-ezami ta’ kazi fejn ikun hemm incidenti li jinvolvu korrimenti ta’ *pedestrians* li jigu in kuntatt ma’ vettura tas-sewqan, element importanti huwa l-fatt li min ikollu taht idejh kontroll ta’ vettura ghandu juza dik il-prudenza u attenzjoni sabiex, mhux biss ikollu dejjem kontroll tal-vettura tieghu, izda li jkollu konoxxenza ta’ dak li jkun qed jigri fit-triq biex jevita xi sinistru u dan specjalment meta jkun hemm utenti ohra tat-triq bhal ma huma *pedestrians*. Dana billi l-impatt bejn vettura tal-mutur u persuna jista’, u generalment ikollha, konsegwenzi koroh ghall-istess *pedestrian*.

Dan premess, izda, ghandu dejjem jkun enfasizzat li l-karreggata hija principalment intiza ghal uzu tal-vetturi u, fil-kazi li *pedestrian* jittanta jaqsam l-istess karreggata

mhux f'dawk il-postijiet intizi ghal dan l-iskop, jista' jaghmel hekk biss, kif osservat l-Qorti ta' l-Appell Ingliza "*provided he takes reasonable care*" (*Clerk & Lindsell, Tort*, 16th Edition pagna 521). Dan ir-rekwizit tar-"*reasonable care*" huwa mehtieg minhabba l-*ispeed* li tivvjagga vettura paragunat mal-mod pjuttost "*slow*" tal-mixi ta' persuna, anke jekk din tkun qed titharrek.

**Ikkunsidrat**

Issa fil kaz in ezami jidher li l-attur ittanta jaqsam wahda mit-toroq l-aktar traffikuzi f'Malta, triq li, fil-hin ta' l-incident, tiehu volum enormi ta' vetturi sejrin fid-direzzjoni tal-Belt Valletta. Mhux hekk biss, izda, din l-istess triq tippermetti speed elevat li jaghmel it-traversar taghha aktar perikoluz ghall-"*pedestrian*". Kien ghalhekk li minn ipprogetta din it-triq haseb biex saru "*zebra crossings*" ghall-uzu tal-"*pedestrians*" u, sahansitra fil-vicinanzi tal-post tal-incident hemm "*fly-over*" fejn il-pubbliku jista' jaqsam minghajr xkiel u perikolu minn naha ghal ohra. Ghandu jinghad ukoll li mal-banika fuq in-naha minn fejn qasam l-attur hemm "*hand-rail*" tal-hadid li jimpedixxi persuni li jaqsmu minn dik il-lokalita`.

Minn ezami tal-fatti li rrizultaw quddiem il-Prim Awla, u senjatament dawk li gew riportati fl-iskizz dettaljat tat-triq fejn gara l-incident, din il-Qorti ma tistax tikkondividi s-sottomissjoni tal-appellant li l-konvenut kien qieghed isuq bi speed eccessiv jew li naqas milli jzomm "*a proper look out*". Infatti l-*brake marks* li halliet l-vettura misjuqa mill-konvenut ma humiex indikattivi ta' xi speed eccessiv specjalment ghal-lokalita` in kwistjoni. Impressjoni tat-tyres fuq il-karreggata ta' 13.5 metri tindika speed ta' 45 k.f.s. jew 28 m.f.s., speed li, certament ghal-lokalita`, huwa moderat u dan anke jekk wiehed jikkonsidra l-fatt li wara l-impatt u meta giet rilaxxjata l-pedala tal-*brakes,* l-vettura misjuqa mill-konvenut baqghet mixja ghal distanza ohra. Mid-distanza li ttraversat il-vettura tal-konvenut meta dan intebah li kien hemm xi perikolu jew ostakolu fit-triq, din il-Qorti hija fermament tal-fehma li l-attur nizel minn fuq l-bankina u ttanta jaqsam it-triq meta l-vettura tal-konvenut kienet f'distanza ravvicinata u dan ghaliex, mill-

kejl rizultanti fl-iskizz u mid-distanzi [*thinking u braking distance*] li jipprovdi l-*Highway Code* fol. 56, jidher li l-konvenut kien cirka hamsa u ghoxrin metru boghod qabel ma gara l-impatt. Ghall-kuntrarju l-attur kull ma kellu jittraversa kien l-wisa' ta' karreggata u ftit. Kien ghalhekk jinkombi fuq l-attur li juza dik l-attenzjoni mehtiega u jevita li jaqsam f'dik id-distanza ravvicinata. Minn dan jidher li kien l-attur li holoq l-emergenza u ghandu jbati ghan-nuqqas tieghu. Fic-cirkostanzi l-appell ma jistax jigi milqugh.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell tal-attur qed jigi michud u s-sentenza appellata kkonfermata bl-ispejjez ta' dan l-appell ghall-attur appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------